# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1375/98 M3 NA**

**Catherine Balzan pro et noe**

**vs**

**Tarcisio Balzan**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'zewg rikorsi tal-konvenut tas-16 ta' Dicembru 2000 u 13 ta' Frar 2001 wara li din il-Qorti kienet, b'digriet iehor fl-atti ta' din il-kawza, ordnat illi l-konvenut kellu *pendente lite* johrog mid-dar konjugali biex tkun tista' tabita fiha b'mod esklussiv l-attrici w it-tfal minuri tal-kontendenti.  Fl-

ewwel rikors jitlob li din il-Qorti joghgobha taghtih il-fakolta' jappella quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mid-digriet citat a tenur ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi fit-tieni rikors jitlob is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' l-istess digriet sakemm jigi deciz l-ewwel rikors. Ghal dawn iz-zewg rikorsi saru r-risposta ta' l-attrici fit-12 ta' Frar u 28 ta' Marzu 2001 rispettivament, ir-rikorsi gew ittrattati mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-2 ta' April 2001 u differieti ghall-provvediment, liema provvediment sejjer jinghata llum.

Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tiddisponi mill-ewwel rikors li tqiesu bhala dak principali ghax l-ezitu tat-tieni rikors huwa intrinsikament marbut ma' dak ta' l-ewwel. Di piu' jidher illi hemm qbil illi, almenu sad-decizjoni dwar l-ewwel rikors, id-digriet tal-Qorti fuq citat fattwalment ma jigix esegwit.

Ikkunsidrat:

Illi korrettement il-konvenut jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 229 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta pero' inkorrettement isostni li fin-nuqqas li jinghata dan il-permess specjali huwa jkun qed jigi mcahhad mid-dritt tad-*doppio*

*esame.* Id-*doppio esame* mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jezisti dejjem. Li jrid jigi deciz huwa jekk dan id-*doppio esame* ghandux isir issa jew mas-sentenza finali u dana fil-parametri ta' dak provdut fl-istess sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 229.

L-Artikolu 229 li gie sostitwit bl-Att XXIV tal-1995 u emendat b'dak IV tal-1996 gie ntrodott fis-sistema taghna biex jigu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiment ta' kawza fil-prim'istanza li diversi drabi l-uniku skop taghhom kien li jitwalu l-proceduri. Kien ghalhekk illi l-legislatur hass li kellu jimponi dawk il-kazijiet fejn ma kellu qatt isir appell hlief mis-sentenza finali (sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 229) u dawk il-kazijiet, invece, fejn kien assolutament necessarju li jsir appell qabel dak l-istadju ghall-prosegwiment gust u effikaci ta' dik il-kawza partikolari [sub-artikolu (2)]. Dawn il-listi pero' ma setghux kienu kompleti u kien ghalhekk illi, f'kazijiet ohra, id-diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva giet imhollija f'idejn il-gudikant. Bil-mod kif huwa redatt pero' l-istess sub-artikolu jindika li ghandu jigi nterpretat b'mod illi dan il-permess ghandu jinghata biss ghar-ragunijiet ta' certu portata. Infatti l-gudikant irid ikun konvint illi jkun "ahjar u gust" illi l-materja tingab quddiem il-Qorti ta' l-Appell fi stadju prematur ta' l-andament tal-kawza. In-norma ghalhekk hija li

jekk l-Ewwel Qorti ma tikkonsidrax li jkun sew "ahjar" sew "gust" li jsir dan il-permess, dan il-permess li jissejjah "specjali" mill-istess ligi ma ghandux jinghata.

Il-Qorti kkunsidrat dawn il-punti ta' dritt fl-ambitu tal-fatti ta' din il-kawza. Ikkunsidrat illi mill-banda l-wahda hemm l-attrici w il-minuri li ma ghandhomx post decenti fejn ighixu u qed jigu mghejjunin minn membri tal-familja taghha. Mill-banda l-ohra l-konvenut, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument, (argument li ma pperswadix lill-Qorti kompletament) ukoll ma ghandux fejn ighix, jista' facilment jikri post ghall-bzonnijiet tieghu. Tenut kont illi l-konvenut stess stqarr li kien dispost jikri fond ghall-mara u ghall-minuri huwa zgur li ma ghandux isib diffikulta', anqas finanzjarja, biex jikri post ghalih wahdu.

Il-Qorti ghalhekk thoss illi, f'dan l-istadju, ma jkunx ahjar u gust li tippermetti li jsir appell mid-digriet taghha u ghalhekk it-talba hija michuda bl-ispejjez.

Ghandu jsegwi b'mod naturali illi l-meritu tar-rikors tat-13 ta' Frar 2001 huwa orami ezawrit hlief li l-Qorti qed tikkoncedi zmien ulterjuri u finali ta' xahar millum lill-konvenut biex jizgombra mid-dar konjugali ghar-ragunijiet moghtija fid-digriet

taghha tat-12 ta' Dicembru 2000 u li, l-ezekuzzjoni ta' dan id-digriet, ma ghandux isir fil-perjodu ta' dan ix-xahar.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.